# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/897

## tat-2 ta' Mejju 2023

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/128 ([2]) jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), kif ukoll l-ammonti disponibbli għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għas-snin finanzjarji 2021 sal-2027.

(2) F'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2021/2116, il-limitu massimu annwali għan-nefqa tal-FAEG għandu jkun kostitwit mill-ammonti massimi għas-sublimitu għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti stipulati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ([3]).

(3) F'konformità mal-Artikolu 17(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), Stat Membru wieħed iddeċieda fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tiegħu li jnaqqas l-ammont tal-pagamenti diretti li għandhom jingħataw lill-bdiewa għas-snin kalendarji mill-2023 sal-2026 u li jittrasferixxi l-prodott stmat tat-tnaqqis li jirriżulta lill-FAEŻR.

(4) F'konformità mal-Artikolu 103(1), il-punt (a), u l-Artikolu 103(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115, diversi Stati Membri ddeċidew fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom li għas-snin kalendarji mill-2023 sal-2026 jittrasferixxu ċertu perċentwal tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti għall-allokazzjonijiet tagħhom għall-FAEŻR.

(5) F'konformità mal-Artikolu 103(1), il-punt (b), u l-Artikolu 103(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115, diversi Stati Membri ddeċidew fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom li jittrasferixxu għall-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti ċertu perċentwal tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-FAEŻR għas-snin finanzjarji mill-2024 sal-2027.

(6) L-allokazzjonijiet rilevanti tal-Istati Membri għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Annessi V u IX tar-Regolament (UE) 2021/2115, kif ukoll id-diżaggregazzjoni annwali skont l-Istat Membru tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali stabbilit fl-Anness XI ta' dak ir-Regolament, ġew adattati konsegwentement permezz tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/813 ([5]).

([1]) ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/128 tat-3 ta' Frar 2021 li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG (ĠU L 40, 4.2.2021, p. 8).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/813 tat-8 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għall-pagamenti diretti u d-diżaggregazzjoni annwali skont l-Istat Membru tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 1).

(7) F'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093, il-sublimitu għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti tal-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit fl-Anness I ta' dak ir-Regolament għandu jiġi aġġustat skont l-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament wara li jsiru t-trasferimenti bejn il-FAEŻR u l-pagamenti diretti.

(8) Għalhekk, jeħtieġ li jiġi aġġustat il-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG għall-2024 sal-2027 kif stabbilit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-ammonti li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-FAEŻR jenħtieġ li jiġu ppubblikati wkoll.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/128 huwa sostitwit bit-test tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Mejju 2023.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

*"ANNESS*

**Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG**

*(miljun ta' EUR)*

| Sena finanzjarja | Ammonti mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-FAEŻR | | Ammonti ttrasferiti mill-FAEŻR | Bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG |
|---|---|---|---|---|
| | L-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 | L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 | L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 | |
| 2021 | 1 099,539 | 58,165 | 600,658 | 40 367,954 |
| 2022 | 1 086,292 | 57,919 | 525,400 | 40 638,189 |
| 2023 | 1 277,253 | 55,858 | 507,322 | 40 692,211 |
| | L-Artikolu 103(1), il-punt (a) u l-Artikolu 103(2) tar-Regolament (UE) 2021/2115 | L-Artikolu 17(5), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/2115 | L-Artikolu 103(1), il-punt (b) u l-Artikolu 103(3) tar-Regolament (UE) 2021/2115 | |
| 2024 | 1 632,136 | 5,000 | 590,214 | 40 602,078 |
| 2025 | 1 702,286 | 5,000 | 590,214 | 40 664,928 |
| 2026 | 1 807,987 | 5,000 | 590,214 | 40 690,227 |
| 2027 | 1 981,419 | 5,000 | 590,214 | 40 650,795" |